MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 74/2004/1

**John Vella u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2007**
**il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Paola mart Michael Mercieca,**
**Martina mart Peter Paul Zerafa minnu legalment separata,**
**Mariosa mart Joseph Portelli, Loreto sive Laurie, Anthony,**
**Virgilio sive Gino, u John aħwa Vella,**
**u ta' Concetta mart John Vella nee Pirrone,**
**minflok John Vella li miet fil-mori tal-kawża.**

**v.**

**Lino Vella**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell ad istanza tal-atturi John Vella, Virgilio sive Gino Vella, Martina Zerafa f'isimha u għan-nom tal-imsiefra Pawla Mercieca u Concetta Vella li permezz tiegħu qegħdin jitolbu lil din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Ġurisdizzjoni Ġenerali fl-20 ta' Novembru 2008 billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ġew miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut u tħassarha fil-bqija billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

"Illi l-attur John Vella kien għamel kuntratt ma' ibnu Lino Vella fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1989) illi permezz tiegħu ffurmaw bejniethom assoċjazzjoni bl-iskop li tiġġestixxi n-negozju ta' bar u restaurant bl-isem 'Seaview Bar and Restaurant' fil-fond bin-numru sittax (16) fi Triq Marina, Mgarr, Għawdex kopja ta' liema kuntratt qed tiġi annessa bħala Dokument 'A';

"Illi permezz ta' dan il-kuntratt l-attur John Vella kellu jpoġġi għad-dispożizzjoni u l-użu tal-assoċjazzjoni l-fond bin-numru sittax (16) fi Triq Marina, Mgarr, Għawdex magħruf bħala 'Seaview Bar and Restaurant' flimkien mal-armatura u l-attrezzi kollha li kienu jeżistu filwaqt li l-kera

tal-istess fond kellha tibqa’ fuq isem l-attur u titħallas mill-istess attur;

“Illi l-konvenut Lino Vella permezz tal-istess kuntratt obbliga ruħu illi jikkontribwixxi oġġetti mobbli oħra, stock u kapital li jkun hemm bżonn filwaqt li kellu jidderigi u jamministra l-ġestjoni tan-negozju imsemmi b’diliġenza u kapaċita’ biex dan jitmexxa ‘l quddiem;

“Illi l-istess konvenut kellu jgħaddi l-ewwel elf u ħames mitt lira maltin (Lm1,500) mill-profitti ta’ kull sena lill-attur filwaqt li jżomm għalih il-profitti bejn elf u ħames mitt lira (Lm1,500) u għoxrin elf lira maltin (Lm20,000) filwaqt li kull profitt ‘l fuq minn għoxrin elf lira maltin (Lm20,000) kellu jinqasam bin-nofs bejn il-kontendenti;

“Illi minkejja li dan il-ftehim ta’ assoċjazzjoni ilu li sar aktar minn erbatax-il sena sal-lum il-konvenut qatt ma għadda l-ebda pagament lill-attur ħlief għal pagament ta’ mitt lira darba waħda biss permezz ta’ ċekk li meta l-attur mar isarrfu rriżulta li ma setgħax jissarraf għaliex ma kienx hemm flus fil-kont tal-konvenut.

“Illi jirriżulta b’mod ċar li l-konvenut mhux talli ma mexxiex in-negozju b’diliġenza u kapaċita’ iżda wkoll qatt ma għadda l-ebda pagament lill-attur;

“Illi għalhekk l-attur irid li dan il-kuntratt ta’ assoċjazzjoni għall-ġestjoni tan-negozju tas-Seaview Bar and Restaurant fi Triq Marina l-Imgarr, limiti ta’ Għajnsielem, Għawdex jiġi xolt u l-ġestjoni tal-istess negozju terġa tgħaddi f’idejn l-attur kif kienet qabel sar dan il-ftehim;

“Illi l-konvenut minkejja li interpellat diversi drabi sabiex jersaq għax-xoljiment tal-assoċjazzjoni inkluż permezz ta’ ittri interpellatorji w uffiċċjali naqas li jagħmel dan.

“Talab lill-konvenut jgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara illi l-konvenut Lino Vella ma mexxiex in-negozju tas-Seaview Bar and Restaurant fi Triq Marina l-Imgarr, fil-limiti ta’ Għajnsielem, Ghawdex b’diliġenza u

kapaċita' kif ukoll li ma għaddiex il-profitti lill-attur kif kien obbligat li jagħmel;

"2. konsegwentement tiddikjara li l-ftehim ta' assoċjazzjoni bejn il-kontendenti li sar fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1989) għandu jiġi dikjarat xolt;

"3. tordna lill-konvenut sabiex jgħaddi l-pussess tal-fond bin-numru sittax (16) fi Triq Marina, l-Imgarr, Għawdex bl-ambjenti kollha ta' miegħu lill-attur fl-istess stat li kien meta sar il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1989);

"bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut skond il-liġi.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

"Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

"1. Illi in linea preliminari, jiġi eċċepit illi l-kuntratt tat-28 ta' Novembru 1989 kien in effetti kuntratt ta' kera simulat biss bħala forma ta' assoċjazzjoni, għaliex il-partijiet dejjem kellhom f'moħħhom il-vera intenzjoni illi l-attur jikri lil ibnu l-bar u restaurant 'Seaview Bar and Restaurant' u l-assoċjazzjoni pretiża llum mill-attur kienet biss mossa sabiex l-attur jevadi l-projbizzjoni imposta fuqu mis-sid oriġinali ta' sullokazzjoni jew ċessjoni tal-kera. Tant huwa hekk illi għal xejn anqas minn tlettax-il sena, John vella qatt ma intrometta ruħu fil-ġestjoni tal-bar u r-restaurant de quo, u qatt ma ppretenda illi jingħata lilu xi rendikont ta' x'ikun għaddej f'dak il-fond. Kien għalhekk ukoll illi f'dak il-kuntratt ġiet iffissata l-figura favoluża, għal dakinhar illi sar il-kuntratt, ta' għoxrin elf lira maltija (Lm20,000) bħala s-solja illi trid tinqabeż qabel ma l-attur ikun jista' jibda jipparteċipa fil-profitti illi jiġġenera l-lokal. Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tmur wara l-velu tas-simulazzjoni maħluqa bejn il-partijiet u tara x'kienet il-vera

intenzjoni tagħhom u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi;

“2. illi, in vista ta’ dak illi verament riedu l-partijiet dakinhar tal-kuntratt, a differenza tas-simulazzjoni maħluqa sabiex tostor dik il-vera intenzjoni, l-attur ma għandu ebda dritt illi jitlob illi jingħata lilu xi rendikont dwar kif ikun qiegħed ġestit ir-restaurant u l-bar u l-profitti talvolta ġenerati minn dik il-ġestjoni; u fil-prattika qatt ma talab tali rendikont ħlief fl-aħħar xhur qabel ma ġiet preżentata din il-kawża, u unikament minħabba illi wliedu l-oħra issa bdew jaqilgħu l-inkwiet u huwa waqa’ taħt l-influwenza tagħhom u għalhekk, mingħajr preġudizzju għall-premess, in kwantu bażati fuq il-premessa illi l-esponenti qatt ma ta rendikont lill-attur, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

“3. illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, meta imbagħad l-attur, ftit ġimgħat qabel ġiet preżentata l-kawża odjerna beda javvanza pretensjonijiet għal informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-bar u restaurant, l-esponenti, fi sforz sabiex iżomm relazzjonijiet aċċessibbli ma’ missieru, kien pront għadda l-informazzjoni mitluba lill-attur u dan billi għaddielu rendikont ta’ dħul u ħruġ mill-ġestjoni għas-sena illi għaliha rrefera l-attur, u għalhekk anke hawn it-talbiet attriċi għandhom jirrokkaw.

“4. illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, mill-fatt illi, kif jallega l-attur, lilu qatt ma ġie mgħoddi rendikont tal-ġestjoni b’diliġenza u kapaċita’, u illi per konsegwenza l-attur għandu xi dritt jitlob ix-xoljiment u rexissjoni tal-kuntratt ta’ assoċjazzjoni, jekk dan jiġi ritenut illi huwa dak illi riedu l-partijiet fil-mument tal-kuntrattazzjoni.

“5. illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rimedju spettanti lill-attur per konsegwenza tan-nuqqas da parti tal-esponenti illi jirrendu il-kont tat-tmexxija tan-negozju ma huwiex dak illi jitlob it-terminazzjoni tal-assoċjazzjoni bejn il-partijiet, bensi’, se mai dak illi jitlob lill-Qorti tiffissa terminu lill-esponenti li fih huwa għandu jirrendi l-kont mitlub mill-attur u jgħaddilu s-sehem

spettanti lilu mill-profitti realiżżati – dejjem s’intendi jekk dawn il-profitti jeċċedu s-somma ta’ Lm20,000 fis-sena.

“6. l-esponenti jirrileva illi huwa qiegħed jagħti dawn l-eċċezzjonijiet kollha in limine litis mhux għaliex huwa b’xi mod għandu xi dubbju dwar il-validita’ tal-ewwel eċċezzjonijiet tiegħu, iżda unikament minħabba l-projbizzjoni imposta mil-liġi illi huwa jqajjem eċċezzjonijiet ulterjuri fi stadju aktar tard tal-proċediment.

“7. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-każ illi dawn ikunu permessi mil-liġi.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

“Rat il-verbal tagħha tat-13 ta' Marzu 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob li ftehim ta' assoċjazzjoni li kienu daħlu fih il-kontendenti jiġi dikjarat xolt għal żewġ raġunijiet, u ċioe' (i) li l- konvenut ma mexxiex in-negozju b'diliġenza u kapaċita', u (ii) m'għaddiex il-profitti lill-attur kif kien obbligat li jagħmel, u konsegwentement jiġi ordnat jirritornalu l-pussess tal-fond minn fejn qed jiġi ġestit dan in-negozju.

“Il-konvenut qed jopponi dawn it-talbiet, u jikkontendi fl-ewwel lok illi l-kuntratt ta' assoċjazzjoni kien wieħed simulat, u li fi kwalunkwe kaz ma jikkonkorrux ragunijiet gravi biżżejjed għax-xoljiment tal-kuntratt.

“Issir distinzjoni fid-dottrina bejn simulazzjoni **assoluta** u dik **relattiva**. "*La simulazione e' assoluta, quando le parti non intesero conchiudere verun negozio giuridico*

*(colorem habens, substantiam vero nullam) : e' relattivo quando un atto vero sia manifestato sotto forma di altro atto, o con altre modalita', o per interposta persona (colorem habens, substantiam vero alteram).*

"*L'atto assolutamente simulato e' inesistente, non produce ne' diritto, ne' obbligazione: l'atto relattivamente simulato, invece, ha il valore giuridico che la legge attribuisce a quello che si e' inteso di conchiudere.*

"*Nell'uno e nell'altro caso pero', e' evidente che la simulazione per se' stessa e' sempre priva di ogni efficacia giuridica. Sia assoluta, sia relatttiva, suppone sempre un atto finto, cioe' la inesistenza dell'atto apparente*." [1]

"Fil-każ tagħna l-konvenut mhux jallega li l-kontendenti ma riedu jidħlu f'ebda obbligazzjoni, imma biss li huma kellhom f'moħħhom li l-attur jikrilu l-ħanut imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u l-kuntratt apparenti ta' assoċjazzjoni sar biss biex jevitaw id-divjet ta' sullokazzjoni magħmula mill-gvern, is-sid attwali ta' din il-proprjeta'. Għalhekk qed jeċċepixxi s-simulazzjoni relattiva, u kif ġie ribadit anke mill-qrati tagħha, jekk ikun hemm simulazzjoni relattiva, l-konsegwenza tkun li jiġi dikjarat x'inhu l-veru kuntratt intenzjonat bejn il-partijiet.[2] Madankollu jekk tiġi aċċettata t-teżi tal-konvenut, ikun ifisser illi skond id-dottrina hawn fuq ċitata, il-kuntratt simulat jitlef kull effikaċja ġuridika, u allura l-attur ma jkun jista' jibbenefika minn ebda kundizzjoni fih stipulata.

"Ġara illi l-attur John Vella kellu mikri għandu mingħand il-Gvern ħanut ix-Xatt tal-Imgarr, li għal numru kbir ta' snin kien jiġġestixxi bħala ħanut tal-kafe'. Meta beda jikber fiż-żmien xtaq jgħaddi dan in-negozju lil xi ħadd minn uliedu. Imma ħadd minn dawk li kienu ghadhom jirrisjedu f'dawn il-gzejjer ma deher li kien interessat. Allura l-attur kiteb lill-konvenut li dik il-ħabta kien imsiefer il-Kanada biex jara kienx imħajjar jiġi lura Għawdex u jibda jmexxi n-negozju

[1] Digesto Italiano: vol. XXI pte. 3 pag. 411 per Luigi Cagnetta.
[2] Esther Pace et. vs Mary Lauri et.: 12.10.50; Appell: Francesca Seychell et. vs Antonio Seychell: 27.3.36.

hu. Qallu biex ma jdumx jaħsibha, għax inkella kien ser iżarma.[3] Il-konvenut iddeċieda li jaċċetta u nfatti rritorna Għawdex bil-familja u beda jmexxi l-ħanut hu. Għal xi żmien baqa' jiġġestixxi n-negozju bl-istess mod kif kien imdorri bih missieru. Imma wara xi snin xtaq jintroduċi xi servizzi ġodda u nfatti dik il-ħabta billi kienu bdew isiru popolari d-diskoteki, il-post għamel xi żmien utilizzat għal dan l-iskop. Fl-aħħar pero' ddeċieda li jimmodernizza u jarma bħala *bar and restaurant*. Dan naturalment kien jinvolvi investiment sostanzjali, li parti minnu kellu jiġi finanzjat mill-banek. Il-konvenut għalhekk xtaq illi r-relazzjoni tiegħu fir-rigward ta' dan il-ħanut tiġi b'xi mod regolarizzata, billi sa dakinhar kien għad m'għandu ebda pożizzjoni formali fit-tmexxija tiegħu. Kien f'dan il-kuntest li sar allura l-kuntratt ta' assoċjazzjoni in kwistjoni fit-28 ta' Novembru 1989.[4]

"Kif ġia ntqal, il-konvenut jikkontendi illi dan il-kuntratt kien proprjament wieħed ta' kera li ġie simulat biex apparentement jidher bħala ftheim ta' assoċjazzjoni ħalli jevadu l-projbizzjoni imposta mis-sid li ssir xi sullokazzjoni jew ċessjoni tal-kirja oriġinali. Dwar din l-allegazzjoni, pero' ma tressqu ebda provi u l-konvenut qed jistrieh sempliċement fuq il-modalitajiet tal-istess ftehim li fil-fehma tiegħħu jindikaw x'kienet il-vera ntenzjoni tal-kontraenti. Infatti kien biss fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu li jsemmi f'dan ir-rigward kif iċ-ċifra ta' Lm20,000 li kellha tiġi superata sabiex l-attur jibda jaqsam il-profitti mal-konvenut, kienet waħda favoluża għal dawk iż-żmenijiet u kienet intenzjonata biex tassikura li l-attur ma jkollu ebda sehem mill-profitti. Jgħid ukoll illi s-somma ta' Lm1500 li l-konvenut kellu jagħti ta' kull sena lill-attur, kienet proprjament in konsiderazzjoni tal-kera u mhux tal-profitti. Madankollu la l-attur u lanqas il-konvenut ma taw ebda spjegazzjoni ta' x'wassalhom biex jistipulaw dawn il-kondizzjonijiet speċifiċi fuq il-kuntratt.

"Il-Qorti da parti tagħha ma taqbel xejn ma din is-sottomissjoni tal-konvenut, għax ma tara xejn stramb fil-

---

[3] Ara ittra relattiva esebita man-nota tal-konvenut tat-18 ta' April 2007.
[4] Dok. A a fol. 6 - 8 tal-process.

fatt li l-attur aċċetta li jiddividi l-profitti mal-konvenut, kemm-il draba tiġi superata ċ-ċifra msemmja, tenut kont li l-ispejjeż kollha tal-moderniżżar u tkabbir tan-negozju kien ser jagħmilhom il-konvenut waħdu, kif ukoll li l-attur kien ġia ser ikun intitolat għal l-ewwel Lm1500 mill-profitti. Minn naħa l-oħra l-attur qatt ma kellu introjtu garantit, kif kien ikun il-każ kieku dan il-ftehim kien wieħed ta' kera, u din is-somma kien jeħodha biss kemm-il darba jkun hemm profitti biżżejjed f'kull sena partikolari.  Għaldaqstant mhix qegħda taċċetta t-tezi tal-konvenut illi l-ftehim in kwistjoni kien wieħed simulat ta' kera u mhux ta' assoċjazzjoni kif fil-fatt ġie stipulat.

“Jibqa' għalhekk sabiex jiġi eżaminat jekk hemmx raġunijiet gravi biżżejjed li jimmeritaw li jiġu milqugħa t-talbiet tal-attur biex jiġi xolt dan il-ftehim u jirriprendi l-pussess tal-ħanut *de quo*.  Mill-provi prodotti jirriżulta illi minkejja li l-konvenut ha t-tmexxija tan-negozju f'idejh hekk kif irritorna mis-safar, missieru ma abbandunax il-ħanut tiegħu għal kollox u baqa’ jiffrekwentah billi jmur josserva x'kien qed isir u xi kultant anke jagħti daqqa t'id bħal ma kienet tagħmel martu fil-faċendi li jkun hemm bżonn.  Irriżulta wkoll ammess illi l-attur, minn kemm ilu li ġie ffirmat il-kuntratt, qatt ma rċieva ebda sehem mill-profitti.  L-attur jgħid illi meta kien jitolbu xi ħaġa, l-konvenut kien jgħid li ma kienx hemm biżżejjed mnejn jagħtih, u kien għad għandu ħafna djun.  Madankollu jidher illi l-attur qagħad fuq dak li kien jgħidlu ibnu f'dan ir-rigward u qatt ma kkontestah u wisq anqas talbu formalment jew mod ieħor rendikont tad-dħul u ħruġ tan-negozju.  Jidher illi l-attur kien jikkuntenta ruħu b'dak li kien liberament jieħu f'forma ta' ikel u xorb mill-ħanut perjodikament.  Jidher illi r-relazjonijiet bejn l-attur u ibnu kienu għal bosta snin tajbin ħafna u l-attur bl-ebda mod ma fittex li jesiġi xi kondizzjonijiet minn dawk li kienu ġew stipulati fil-kuntratt.  Tant hu hekk illi għal snin twal l-attur u martu rabbew lil bin il-konvenut, wara li dan għadda minn proċeduri ġudizzjarji dwar iż-żwieġ tiegħu, u kien biss ftit xhur qabel ma ġiet istitwita din il-kawża li l-attur, x'aktarx istigat minn uħud minn uliedu l-oħra, li sadanittant beda jiddispjaċihom li ma kienux indaħlu huma għal dan

in-negozju, li beda jesiġi li jingħata rendikont u sehem mill-profitti.

“Hekk ukoll lanqas irriżulta li l-konvenut kien b'xi mod negliġenti u nkapaċi fil-ġestjoni ta' dan in-negozju. Anzi minn dak li ntqal, huwa għamel dejjem l-almu tiegħu sabiex iġib in-negozju 'l quddiem, kabbar l-ispazju disponibbli għall-klijenti, billi bena sulari addizjonali, u fetah ukoll restaurant ieħor, li minħabba l-volum ta' xogħol, kellu jafda f'idejn terzi.

“F'tali ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li, fejn John Vella innifsu kien għal tant snin tant tolleranti mal-konvenut u qatt ma esiġa miegħu ebda kondizzjoni minn dawk sipulati dwar il-profitti jew rendikonti regolari, ma rriżultaw ebda fatturi gravi biżżejjed li jimmeritaw li jintlaqgħu t-talbiet tal-attur dwar ix-xoljiment tal-kuntratt ta' assoċjazzjoni u r-ripreża tal-pussess tal-fond indikat fiċ-ċitazzjoni.

“Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' t-tielet sas-sitt eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi.”

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi John Vella, Virgilio sive Gino Vella, Martina Zerafa f’ismha u għan-nom tal-imsiefra Pawla Mercieca u Concetta Vella</u>**

L-appellanti ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u għalhekk interponew appell minnha.

<u>Fl-ewwel aggravju</u> tagħhom huma jargumentaw illi kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, minkejja li John Vella u ibnu Lino kellhom relazzjonijiet tajba bejniethom, tul iż-żmien John Vella kien fil-fatt regolarment jitlob il-ħlas tal-parti tiegħu lil Lino Vella, liema ħlas qatt ma sar. Jinsistu li ġialadarba l-konvenut qatt ma għamel il-parti tiegħu, l-attur kien ġustifikat li jitlob it-terminazzjoni tal-assoċjazzjoni. Fi kwalunkwe każ, jinsistu l-appellanti, l-attur bħala soċju kellu d-dritt li jitlob it-terminazzjoni tas-soċjeta` anke mingħajr ma jagħti raġuni.

It-tieni aggravju tagħhom jirrigwarda l-argument tal-ewwel Qorti meta hija rriteniet li l-attur bl-ebda mod ma fittex li jesiġi xi kundizzjonijiet minn dawk li kienu ġew stipulati fil-kuntratt u jargumentaw li b'dan ir-raġunament l-ewwel Qorti qed tgħid li impliċitament l-attur irrinunzja għad-drittijiet tiegħu. Huma jikkontendu li mhux biss ma jirriżultax li l-attur irrinunzja għad-drittijiet tiegħu imma jħossu li huwa inġust li jingħad hekk meta l-attur stess ipproċeda b'din il-kawża u talab li jiġu sanċiti d-drittijiet tiegħu. L-appellanti jsostnu li biex rinunzja taċita tkun ammissibbli din ir-rinunzja trid tirriżulta b'mod ċar u inekwivoku minn fatti li ma jagħtu lok għal ebda interpretazzjoni oħra. Fil-fehma tagħhom ma kien hemm l-ebda aġir min-naħa tal-attur li minnu seta' jiġi dedott li kien qiegħed jirrinunzja għad-drittijiet tiegħu.

Fit-tielet aggravju tagħhom l-atturi jargumentaw illi anke jekk wieħed kellu jaċċetta s-sentenza fil-mertu tal-ewwel Qorti, jirriżulta li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ġew miċħuda, u għalhekk dan kellu jkun rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**Risposta tal-appell tal-konvenut appellat Lino Vella**

Il-konvenut appellat jibda biex jirrileva li teżisti "anomalija legali" illi trid tiġi solvuta qabel ma dan l-appell ikun jista' jipproċedi. Huwa josserva li bħala atturi fil-kawża wara l-mewt tal-missier John Vella kienu indaħlu mhux biss l-appellanti odjerni iżda wkoll Anthony, Mariosa Portelli, u Loreto aħwa Vella. Jilmenta li l-atturi appellanti odjerni "inkludewhom bħala appellati" u jargumenta li mhux konsentit li fi stadju ta' appell uħud mill-atturi jkunu appellanti u wħud oħra jkunu appellati.

Fit-tieni lok l-appellat josserva wkoll li meta l-appellanti irriproduċew l-eċċezzjonijiet sollevati minnu fir-rikors tal-appell tagħhom huma xejn ma kienu fidili u korretti billi ma kkuppjawx l-eċċezzjonijiet *verbatim* u b'hekk ġie li l-eċċezzjonijiet "qajla jagħmlu sens".

Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellanti, l-appellat josserva li bis-saħħa ta' dan l-aggravju l-appellanti qegħdin jitolbu illi x-xoljiment tal-kuntratt raġġunt bejnu u

bejn missieru John Vella jingħata għal raġunijiet oħra u mhux dawk dedotti fiċ-ċitazzjoni. Huwa jaċċenna għall-fatt li John Vella ibbaża t-talba tiegħu għax-xoljiment tal-kuntratt minħabba l-allegat nuqqas tiegħu (l-appellat) illi jmexxi n-negozju b'diliġenza u kapaċita` u li jgħaddi l-profitti. L-appellat jilmenta li bl-ewwel aggravju l-bażi tal-azzjoni tal-appellanti tinbidel kompletament u dan mhux permess skont il-liġi għaliex din hija pretensjoni ġdida.

Fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellanti, l-appellat l-ewwelnett jargumenta li l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti m'għandhiex tiġi disturbata peress li ma jissussistux l-estremi voluti mil-liġi biex din il-Qorti bħala waħda ta' reviżjoni tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti. Fi kwalunkwe każ, l-appellat isostni li l-imġieba tal-missier, John Vella, u cioe` li qatt ma ppretenda għal snin sħaħ li jingħata rendikont u li jieħu il-flus kontanti u mhux in materjal, il-kumpens dovut lilu fit-termini tal-ftehim, tinkwadra ruħha perfettament fid-definizzjoni ta' "kunsens taċitu" li tinsab fis-sentenza **Debono v. Ciantar** ċitata b'approvazzjoni mill-appellanti nfushom.

Fir-rigward tat-tielet aggravju tal-appellanti, l-appellat isostni li kemm id-dritt tar-reġistru kif ukoll l-onorarju tal-avukat jinħadmu biss fuq il-portata tat-talba tal-attur. It-talbiet odjerni ġew miċħuda fit-totalita` tagħhom u għalhekk, jargumenta l-appellat, jagħmel sens mill-punt di vista ġuridiku li anke l-ispejjeż tal-kawża jiġu allokati interament lill-atturi b'mod in solidum.

**Appell Incidentali tal-appella**

L-appellat inqeda bl-appell preżentat mill-appellanti u ippreżenta appell inċidentali u dan, skont hu, peress li l-portata preċiża tal-ftehim raġġunt bejnu u bejn missieru John Vella jista' jkollu konsegwenzi prattiċi ta' importanza fondamentali fil-futur.

L-appellat jispjega kif il-kuntratt ta' assoċjazzjoni bejnu u bejn missieru kien sar bħala maskra biex jaħbi l-verita`. Missieru kellu l-fond in kwistjoni b'kera mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet u waħda mill-kundizzjonijiet kienet

li ma jistax jissulloka l-fond lil terzi u lanqas ma jista' jċedi l-kirja. L-appellat isostni li missieru qatt ma interessa ruħu fil-ġestjoni tal-ħanut u qatt ma talab li jingħata xi tip ta' rendikont dwar il-ġestjoni, għaliex kulħadd dejjem qies ir-relazzjoni ta' bejnu u bejn missieru bħala sullokazzjoni. Huwa jargumenta li l-kundizzjonijiet pattwiti fil-kuntratt kienu inseriti għall-forma biss u ħadd mill-partijiet ma kellu l-intenzjoni li josservahom jew jinsisti għall-adempiment tagħhom.

L-appellat għalhekk jitlob lil din l-onorabbli Qorti sabiex tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, fl-atti ta' din l-kawża fl-20 ta' Novembru 2008 billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu caħdet it-talbiet attriċi u laqgħet it-tielet sas-sitt eċċezzjonijiet tiegħu, tilqa' ukoll l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

**<u>Risposta tal-appell tal-appellanti John Vella, Virgilio sive Gino Vella, Martina Zerafa f'ismha u għan-nom tal-imsiefra Pawla Mercieca u Concetta Vella għall-appell inċidentali tal-appellat Lino Vella:</u>**

L-appellanti fl-ewwel lok jirrilevaw li huwa dubjuż kemm l-appell inċidentali jista' jsir peress li fl-eventwalita` li s-sentenza appellata tiġi kkonfermata, l-appell inċidentali (li huwa appell miċ-ċaħda tal-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet) ma jkun tal-ebda utilita` legali għall-konvenut appellat. L-appellanti jargumentaw li ma jagħmilx sens li din il-qorti tiddeċiedi dwar xi ħaġa li mhix mitluba fiċ-ċitazzjoni.

Dwar il-mertu tal-appell inċidentali, l-appellanti jinsistu li mhux minnu li l-ftehim in kwistjoni kien wieħed simulat u ma nġabux provi f'dan is-sens. Jagħmlu riferenza għas-sentenza **Luigi Debono v. Joseph Spiteri Debono** (mogħtija mill-Prim' Awla fil-5.12.1935) li titkellem fuq il-grad ta' prova li trid tinġieb biex tiġi pruvata s-simulazzjoni (kemm dik assoluta kif ukoll dik relattiva), u wkoll fuq il-*causa simulandi* li għandha tirriżulta b'mod inekwivokabbli, u fuq il-fatt li jrid ikun hemm ix-xjenza tal-

partijiet kollha li jridu joħolqu l-att simulat, u jinsistu li l-kuntratt odjern ma jilħaqx il-prova rikjesta mil-liġi biex jingħad li huwa simulat.

Għalhekk fil-fehma tagħhom din il-Qorti għandha tiċħad l-appell inċidentali u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-appellat, bl-ispejjeż kontra l-istess appellat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-iskop tal-appell odjern huwa sabiex il-kuntratt ta' assoċjazzjoni jiġi dikjarat xolt, filwaqt li l-iskop tal-appell inċidentali hu sabiex il-kuntratt ta' assoċjazzjoni jiġi kunsidrat bħala wieħed simulat ta' kera. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li jiġi kkunsidrat l-appell inċidentali qabel l-appell prinċipali.

L-Appell Inċidentali

Il-konvenut fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu jikkontendi li l-kuntratt kien fil-verita` kuntratt ta' kera li ġie simulat biex jidher bħala ftehim ta' assoċjazzjoni ħalli jevadu l-projbizzjoni imposta mis-sid li ssir xi sullokazzjoni jew ċessjoni ta' kirja oriġinali. L-ewwel Qorti osservat li ma tressqux provi fir-rigward u li l-konvenut straħ sempliċiment fuq il-modalitajiet tal-istess ftehim li fil-fehma tiegħu kienu jindikaw x'kienet il-vera intenzjoni tal-kontraenti. L-ewwel Qorti għalhekk ikkonkludiet li l-allegazzjoni ma ġietx pruvata u konsegwentement caħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tiegħu.

Il-konvenut appellat fl-appell inċidentali tiegħu pero` jinsisti li t-teżi tiegħu, u cioe` li l-kuntratt kien in effetti kuntratt ta' kera simulat, effettivament tirriżulta minn diversi fatturi. Huwa jaċċenna għall-fatt li ġie pruvat li l-attur John Vella kien jiddetjeni l-fond b'titolu ta' kera mingħand il-Gvern u jargumenta li kulħadd jaf x' inhuma l-kundizzjonijiet normali f'kuntratti simili. Isemmi wkoll li John Vella qatt ma talbu xi forma ta' rendikont għal aktar minn tlettax-il sena; jargumenta li s-somma ta' Lm20,000 bħala profitt minn restorant fl-1989 hija konklużjoni li wieħed għandu

jasal għaliha wara li jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-ħajja u l-kummerċ ġewwa Għawdex f'dik l-epoka u jistieden lil din il-Qorti tara l-Avviż Legali 32 tal-1989 li jiffissa l-paga minima fl-ammont ta' LM30.38 fil-ġimgħa. Isostni li l-fatt li l-kummerċ f'Għawdex kien limitat huwa "*fact of common and public knowledge*" u ma kienx meħtieġ li jiġi ppruvat minn xi parti fil-kawża.

Din il-Qorti wara li eżaminat l-atti hija tal-fehma li l-"provi" mressqa m'humiex perswassivi u konlussivi fil-konfront tat-teżi tal-appellat. Li kuntratt huwa simulat m'għandux jiġi ppruvat permezz ta' inferenzi minn, u interpretazzjonijiet tal-istess kuntratt.

Kif issottomettew l-appellanti, kien jispetta fl-ewwel lok lill-appellat li jipproduċi bħala xhud lil xi rappreżentant tad-Dipartiment tal-Artijiet biex jesebixxi l-kuntratt ta' kera li għandu mal-Gvern ta' Malta u jipprova l-klawsola li tipprojbixxi s-sullokazzjoni. L-appellat pero` dehrlu li l-ewwel Qorti kellha tassumi li kien hemm din il-projbizzjoni li ssir sullokazzjoni peress li l-kundizzjonijiet normali f'kuntratti simili ta' kera mingħand il-Gvern "*huma ben noti għal kulħadd*".

Il-konvenut appellat fl-affidavit tiegħu xehed li l-attur qatt ma talbu rendikont tal-ġestjoni tan-negozju għal numru ta' snin pero` meta beda jitlobhomlu hu dejjem tahomlu. Pero` anke jekk l-attur qatt ma talbu rendikont, din fiha nnifisha mhix xi prova konklużiva li l-ftehim ma kienx ta' assoċjazzjoni, speċjalment tenut kont tal-fatt li s-soċi kienu missier u iben u jirrizulta li r-relazzjonijiet bejniethom kienu tajbin u informali għall-aħħar.

Fir-rigward tas-somma ta' Lm20,000, il-konvenut appellat fl-affidavit tiegħu xehed li l-profitti qatt ma qabżu dan l-ammont, iżda dan il-fatt ma jammontax għal prova konklużiva li meta sar il-ftehim l-intenzjoni kienet biex tassikura li l-attur ma jkollu l-ebda sehem mill-profitti. Huwa jargumenta li l-kummerċ f'Għawdex kien limitat f'dawk iż-żminijiet, iżda ma ressaqx provi f'dan is-sens. Veru li huwa esebixxa kopji ta' *profit and loss accounts* ta' kull sena, inkluż tas-sena 1989 (fol 70) li skont l-istess

dokument dik is-sena n-negożju sofra telf ta’ Lm943, iżda dan id-dokument li jirrappreżenta l-andament partikolari tan-negozju tal-appellat ma jippruvax li n-negozju f’Għawdex f’dawk iż-żminijiet kien limitat. L-appellat jagħmel ukoll referenza għall-Avviż Legali dwar il-paga minima ta’ dawk iż-żminijiet, iżda din il-Qorti ma tarax kif dan għandu neċessarjament jittieħed bħala indikazzjoni li s-somma ta’ Lm20,000 kienet diffiċli li tintlaħaq. Se mai jekk għandu jiġi inferit li n-negozju kien tant limitat u l-pagi kienu tant baxxi li ma kienx mistenni li l-profitti tan-negozju ikunu tajbin, allura min-naħa l-oħra hija ferm rilevanti l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li l-attur qatt ma kellu introjtu garantit (kif kien ikun il-każ kieku l-ftehim kien wieħed ta’ kera) peress li s-somma ta’ Lm1,500 kellu jeħodha biss kemm-il darba jkun hemm profitti biżżejjed f’kull sena partikolari.

Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li l-allegazzjoni tas-simulazzjoni tal-kuntratt ma ġietx pruvata sodisfaċentement. Ma tressqu l-ebda provi persważivi u diretti f’dan ir-rigward. L-argumenti tal-appellat biex jipprova li l-kuntratt kien simulat huma wisq dgħajfa. Is-simulazzjoni għandha tiġi pprvuvata permezz ta’ provi ċari u mhux permezz ta’ interpretazzjonijiet, deduzzjonijiet u assunzjonijiet kif qed jittanta li jagħmel l-appellat. Isegwi għalhekk li l-aggravju tal-appellat f’dan l-appell inċidentali huwa infondat u konsegwentement din il-Qorti ticħad dan l-appell inċidentali u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li caħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat.

<u>L-Appell Prinċipali</u>

Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-appell prinċipali din il-Qorti ser tikkonsidra ż-żewġ ilmenti tal-appellat elenkati minnu fir-risposta tal-appell tiegħu.

L-ewwel ilment tiegħu hu li tezisti anomalija legali f’dan is-sens: għalkemm mhux l-atturi kollha intavolaw l-appell odjern, l-atturi li ma appellawx is-sentenza tal-ewwel Qorti ġew inklużi bħala “appellati”. L-appellat jargumenta li din mhux kawża ta’ diviżjoni fejn kulħadd huwa fl-istess nifs attur u konvenut u għalhekk mhux konsentit li fi stadju tal-

appell uħud mill-atturi jkunu appellanti u uħud oħra jkunu appellati.

Din il-Qorti tosserva li mit-tmien atturi, kienu biss tlieta li ma appellawx, u cioe` (1) Mariosa mart Joseph Portelli, (2) Anthony Vella, u (3) Loreto sive Laurie Vella. Dawn pero` korrettement ma ġewx indikati fuq ir-rikors tal-appell, u lanqas fuq ir-risposta tal-appell tagħhom għall-appell inċidentali tal-appellat, għaliex fuq dawn iż-żewġ atti jidhru biss il-ħames persuni li qegħdin jappellaw. Fl-aħħar paġna tar-rikors tal-appell fejn hemm indikati l-persuni li għandhom jiġu notifikati hemm fl-ewwel lok lista tal-ħames appellanti, imbagħad lista ta' "atturi li m'humiex parti f'dan ir-rikors tal-appell", u cioe` ta' dawk it-tlieta li ma appellawx, imbagħad hemm indikat bħala "konvenut appellat" il-konvenut appellat, u cioe` Lino Vella. Fl-aħħar paġna tar-risposta tal-appell tagħhom għall-appell inċidentali tal-appellat dawn it-tlett persuni ġew indikati sempliċiment biex issir notifika lilhom, iżda hawnhekk ukoll, dawn ma ġewx indikati bħala appellati, kif qed isostni l-appellat.

Huwa għalhekk inkorrett għall-aħħar l-ilment tal-appellat li t-tlett atturi li ma appellawx ġew indikati bħala appellati, għax dan assolutament mhux il-każ.

Dwar it-tieni lment, u cioe` li l-eċċezzjonijiet li ġew riprodotti fir-rikors tal-appell ma ġewx ikkupjati verbatim mill-eċċezzjonijiet oriġinali, din il-Qorti tista' sserraħ moħħ l-appellat li hija dejjem toqgħod fuq it-test oriġinali.

L-ewwel aggravju

L-appellanti jargumentaw illi ladarba l-konvenut appellat qatt ma għamel il-parti tiegħu u qatt ma għadda profitti lill-attur, kien ġustifikat li l-istess attur jitlob it-terminazzjoni tal-assoċjazzjoni. Huma jargumentaw illi kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, minkejja li John Vella u ibnu Lino kellhom relazzjonijiet tajba bejniethom, tul iż-żmien John Vella kien fil-fatt regolarment jitlob il-ħlas tal-parti tiegħu lil Lino Vella, liema ħlas qatt ma sar.

L-appellat Lino Vella xehed li għal żmien twil qatt ma kien hemm diverġenzi bejnu u bejn missieru (l-attur) u jissuspetta li s-sors tal-problemi aktarx li mhux missieru l-attur, iżda ħutu. Xehed li huwa kien jagħmel minn kollox biex kemm lil missieru kif ukoll lil ommu ma jħallihom neqsin minn xejn u dak li kien dovut lilhom dejjem tahulhom – daqqa fi flus u daqqa f'affarijiet oħra għall-użu personali tagħhom[5]. Kif osservat l-ewwel Qorti jidher li l-attur kien "jikkuntenta" ruħu b'dak li kien liberament jieħu f'forma ta' ikel u xorb mill-ħanut regolarment. Anke jekk l-attur verament kien jitlob lil ibnu l-ħlas u hu ma kienx iħallsu, jidher li l-istess attur kien aċċetta għal diversi snin is-sitwazzjoni fejn jitħallas il-profitti "in kind" minflok fi flus. Din il-Qorti għalhekk fiċ-ċirkostanzi wkoll hija tal-fehma li ma kienx ġustifikat l-attur li jitlob it-terminazzjoni tal-assoċjazzjoni għar-raġunijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.

Fi kwalunkwe każ, jinsistu l-appellanti, l-attur bħala soċju kellu d-dritt li jitlob it-terminazzjoni tas-soċjeta` anke mingħajr ma jagħti raġuni. Kif jargumenta l-appellat pero`, dan huwa argument ġdid. Fiċ-ċitazzjoni l-attur ibbaża t-talba tiegħu għax-xoljiment fuq l-allegat nuqqas tal-konvenut li (1) jmexxi n-negozju b'diliġenza u kapaċita` u (2) li jgħaddi l-profitti lill-attur. Kienet fuq din il-bażi li l-attur illimita t-talba tiegħu, u kienet fuq din il-bażi li l-appellat ressaq il-provi biex jirribattiha, u li l-Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha. Għalhekk ċertament mhux lok li issa fl-istadju tal-appell jitqajjem dan l-argument ġdid.

Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanti jirriżulta infondat.

<u>It-tieni aggravju:</u>

Fit-tieni aggravju tagħhom l-appellanti jattakkaw l-interpretazzjoni tal-Qorti fejn hija rriteniet li l-attur bl-ebda mod ma fittex li jesiġi xi kundizzjonijiet minn dawk li kienu ġew stipulati fil-kuntratt. Huma jsostnu li b'dan id-diskors

---

[5] Fil-fatt l-omm Concetta Vella fix-xhieda tagħha tikkonferma li kultant il-konvenut kien iġibilha xirja, u xi ħuta u anke kien jagħmlilhom xi pizza, għalkemm tgħid ukoll li da parti tagħhom kemm hi u kemm żewgha kienu jgħinu fil-ħanut u anke rabbewlu t-tifel sa tmintax-il sena. (fol 133)

tagħha l-ewwel Qorti qegħdha tgħid li impliċitament l-attur kien irrinunzja għad-drittijiet tiegħu u jargumentaw li biex tkun ammissibbli rinunzja taċita din trid tirriżulta b'mod ċar u inekwivoku. Fil-fehma tagħhom ma kien hemm l-ebda aġir min-naħa tal-attur li minnu seta' jiġi deżunt li kien qiegħed jirrinunzja għad-drittijiet tiegħu.

L-attur istitwixxa din il-kawża sabiex bħala konsegwenza tal-allegat fatt li l-konvenut ma mexxiex in-negozju b'diliġenza u wkoll tal-allegat fatt li m'għaddilux il-profitti kif kien obbligat li jagħmel, il-ftehim ta' assoċjazzjoni jiġi dikjarat xolt u l-pussess tal-fond jiġi ritornat. Fir-rigward tat-tmexxija tan-negozju assolutament ma ġiex pruvat li n-negozju ma tmexxiex b'diliġenza, anzi jidher li l-konvenut għamel l-għalmu tiegħu biex jespandih u jġibu 'l quddiem. Fir-rigward il-profitti rriżulta li l-attur kien tolleranti għal diversi snin ma' ibnu l-konvenut u qatt ma esiġa jew enforza l-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt dwar profitti jew rendikonti regolari. Kien għalhekk li l-ewwel Qorti ma dehrilhiex li kien hemm fatturi gravi biżżejjed li jimmeritaw ix-xoljiment tal-kuntratt ta' assoċjazzjoni u r-ripreża tal-fond in kwistjoni.

L-appellanti jargumentaw li dan it-tip ta' raġjonament ifisser li l-imġieba tal-attur qed tiġi kkunsidrata bħala rinunzja taċita tad-drittijiet tiegħu u jsostnu li dan ma kellux ikun il-każ għaliex tali rinunzja ma tirriżultax b'mod ċar u inekwivoku fiċ-ċirkostanzi. Isostnu li ma kien hemm l-ebda aġir da parti tal-attur li minnu seta' jiġi deżunt li kien qed jirrinunzja għad-drittijiet tiegħu.

L-appellanti pero` donnhom qegħdin jippruvaw ipoġġu l-kliem f'ħalq l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti qatt ma semmiet li kien hemm rinunzja taċita da parti tal-attur tad-drittijiet tiegħu. Hija sempliċiment osservat li l-attur kien ikkuntenta ruħu b'dak li kien liberament jieħu f'ikel u xorb mill-ħanut perjodikament. L-ewwel Qorti qatt ma qalet li b'daqshekk huwa taċitament irrinunzja għad-drittijiet tiegħu. Hija rrikonoxxiet id-dritt tiegħu li jitlob ix-xoljiment tas-soċjeta`, iżda meta eżaminat l-ilmenti tiegħu li fuqhom kien qed jippernja t-talba tiegħu għax-xoljiment dehrilha li l-fatturi ma kinux gravi biżżejjed: fir-rigward tan-nuqqas ta'

diliġenza fit-tmexxija tan-negozju dan ma ġiex ippruvat, u fir-rigward tan-nuqqas ta' ħlas tal-profitti hija dehrilha li minħabba l-aċċettazzjoni tas-sitwazzjoni għal diversi snin, fejn fin-nuqqas ta' ħlas da parti tal-konvenut l-attur ikkuntenta li jitħallas "in kind", dan ma kienx ilment gravi biżżejjed li jimmerita x-xoljiment tas-soċjeta`.

Din il-Qorti hija tal-istess fehma: ma jistax l-attur jittollera u jaċċetta sitwazzjoni u imġieba da parti tas-soċju tiegħu għal numru ta' snin imbagħad ħabta u sabta jiddeċiedi li jrid il-fond lura u juża l-istess tolleranza u aċċettazzjoni kontra l-istess soċju biex jittermina l-ftehim ta' bejniethom.

It-tieni aggravju tal-appellanti għalhekk huwa wkoll infondat.

<u>It-tielet aggravju:</u>

Fit-tielet aggravju tagħhom l-appellanti isostnu illi ladarba l-ewwel Qorti caħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat dan kellu jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

Din il-Qorti tirreferi għal Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 li jistipula li "*Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet ikunu t-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra*."

Fil-każ in kwistjoni l-ewwel Qorti investigat fit-tul u daħlet sew fl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet li qajjem il-konvenut dwar il-kwistjoni tas-"simulazzjoni" tal-kuntratt in kwistjoni. Għalkemm hija spiċċat biex ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur, dan m'għamlitux għaliex il-konvenut kellu raġun dwar il-punt tas-simulazzjoni iżda għaliex il-bażi li fuqha l-attur kien qed jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt ma rriżultatx pruvata. Dwar il-punt tas-simulazzjoni l-konvenut kien tellief, tant hu hekk li huwa intavola appell inċidentali fuq dan l-istess punt.

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li t-tielet aggravju huwa fondat u l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għal parti mill-ispejjeż tal-kawża appellata fil-porzjon ta’ kwart ($^{1}/_{4}$).

<u>Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:</u>
(1) tiċħad l-ewwel żewġ aggravji tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata (ħlief għal dik il-parti dwar il-kap tal-ispejjeż);

(2) tilqa’ t-tielet aggravju tal-appellanti u tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-appellanti u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-appellat; u

(3) tiċħad l-appell inċidentali tal-appellat.

L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-appellanti u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-appellat; filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mill-appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------